MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 558/2003

**Benjamin Sammut**

***Versus***

***Meli Bugeja & Co. Ltd***

F'din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta korra waqt li kien qiegħed jaħdem għas-soċjetà konvenuta. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Lulju 2006, fejn huma miġjuba l-premessi u t-talbiet ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, il-qorti kienet sabet illi l-attur u s-soċjetà konvenuta jaħtu f'ishma ndaqs għall-inċident li fih korra l-attur. Din is-sentenza tallum hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni.
L-attur korra fil-15 ta' Lulju 2002, u reġa' daħal lura għax-xogħol fit-2 ta' Jannar 2003. Kemm dam wieqaf mix-xogħol tilef sitt elef, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira

(Lm6,527)[1] – ħmistax-il elf, mitejn u tliet euro u tnejn u tmenin euroċenteżmu (€15,203.82).

Meta korra l-attur kellu disgħa u erbgħin (49) sena. Billi ż-żmien bejn il-15 ta' Lulju 2002 u t-2 ta' Jannar 2003 ma għandux ikun meqjus darbtejn għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni, *multiplier* xieraq ikun ta' għaxar (10) snin.

Skond il-fehma tal-kirurgu Carmel Sciberras, li miegħu jaqblu l-partijiet[2], l-attur għandu debilità li ma jfieqx minnha ta' ħamsa fil-mija (5%)[3].

Id-dħul fis-sena ta' l-attur meta seħħ l-inċident kien ta' għoxrin elf, ħames mija u sebgħa u għoxrin lira (Lm20,527) – sebgħa u erbgħin elf, tmien mija u ħmistax-il euro u ħames euroċenteżmi (€47,815.05). Sabiex tagħmel tajjeb għaż-żjidiet ġenerali fid-dħul, il-qorti, wara li qieset it-tul tal-*multiplier*, sejra taħdem fuq ċifra ta' ħamsin elf euro (€50,000) fis-sena.

It-telf ta' l-attur fil-ġejjieni għalhekk jiġi €50,000 × 10 × 5% = €25,000 – ħamsa u għoxrin elf euro. Meta tqis it-tul tal-*multiplier* u illi l-inċident ilu li seħħ aktar minn ħames snin, ma hux il-każ illi jsir tnaqqis talli l-attur sejjer idaħħal issa l-qligħ tal-ġejjieni, iżda l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu millum.

B'kollox għalhekk it-telf ta' qligħ – *lucrum cessans* – jiġi erbgħin elf, mitejn u tliet euro u tnejn u tmenin euroċenteżmu (€40,203.82). Ma tressqux provi dwar *damnum emergens*.

Il-qorti għalhekk tillikwida d-danni fis-somma ta' erbgħin elf, mitejn u tliet euro u tnejn u tmenin euroċenteżmu (€40,203.82), u s-sehem li għalih għandha tagħmel tajjeb is-soċjetà konvenuta jiġi għoxrin elf, mija u euro u wieħed u disgħin euroċenteżmu (€20,101.91).

Għalhekk tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur għoxrin elf, mija u euro u wieħed u disgħin euroċenteżmu (€20,101.91). L-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

---

1 *Fol.* 11; ara wkoll *fol.* 64

2 Ara l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ġunju 2007, *fol.* 82.

3 *Foll.* 18 et *seqq.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------